# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## ID-DISÁ LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 27

Il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

Isaac Formosa – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 27.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

27.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 27.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

27.2.1 Il-Kunsill feraħ lis-Sindku għall-kariga l-ġdida, dik ta' rapporteur f'isem il-Kumitat Ewropew tar-Reġjun, biex jipprepara f'isem l-istess kumitat, Opinjoni dwar il-Istrateġija tal-Gżejjer li kienet ippubblikata mill-Kumissjoni Ewropea.

27.2.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waslet l-*EPOS Machine* tal-Bank of Valletta, b'hekk jistá jingħata servizz aħjar lill-pubbliku inġenerali li jkun irid iħallas bil-*card* fl-uffiċċju.

27.2.3 Saret laqgħa mad-Direttur SPI fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskemi pendenti li għandu l-Kunsill, li saħansitra jmorru lura għas-sena 2020. Is-Sindku qal illi kienet laqgħa pożittiva ħafna u d-Direttur kienet t'għajnuna għall-Kunsill. Minn din il-laqgħa rriżulta n-nuqqas t'amministrazzjoni tajba tal-Kunsill fil-perjodu li kellhom jiġu mplimentati dawn l-iskemi.

27.2. 4 Is-Sindku qal illi l-proġett PEH ġie fi tmiemu permezz ta' żjara fir-raħal tagħna, kienet esperjenza sabiħa fejn kellna wkoll l-involviment tar-raħal, kien sabiħ li nvolvejna l-għaqdiet tar-raħal. Iż-żjara kienet suċċess. Is-Sindku rringrazzja lill-ħaddiema kollha tas-servizz li taw, anke f'ħinijiet diffiċli. Irringrazzja wkoll lill-kumitat ad hoc li waqqafna biex jaħdem fuq din iż-żjara li kien imexxi mis-Segretarja. Huwa fakkar li dan il-proġett kien ko finanzjat mill-UE taħt il-programm CERV.

27.2.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi:

- L-iskola ta' San Lawrenz għandha Surmast ġdid;
- Għad m'għandniex konferma tal-*Youth Exchange*;
- Fakkar li rċivejna invit biex nattendu għall-quddiesa fiċ-Ċimiterju biex jitfakkar saċerdot Lawrenzjan Dun Ġużepp Cauchi. Is-Sindku qal li għandna nirringrazzjaw lis-Sur George Borg li jieħu ħsieb il-kummissjoni Dun Ġużepp Cauchi, għall-istedina kif ukoll l-materjal li ntbgħat.

27.2.6 Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-ambaxxatur taż-żgħażagħ jorganizza lejla għaż-żgħażagħ bl-isem 'A night under the stars' u jagħmlu użu mit-teleskopji li għandna fil-lokal. Il-Kunsill qabel.

27.2.7 Is-Sindku qal illi sa fl-aħħar inqalgħet il-kumplament tal-*bus shelter*. Dan wara diversi problemi, korrispondenza u telefonati biex ikun jista jseħħ dan.

27.2.8 Is-Sindku qal illi huwa qed jipprepara l-applikazzjoni għall-fondi mill-EU mill-proġetti publikati mill-GAGF, Measure 4. Huwa fisser li din l-applikazzjoni ser tkun tikkonsisti f'xiri ta' *street sweeper, recycle bin* għal kull residenza u t-tkomplija tal-kampanja edukattiva 'Wenzu u Xmejxa' u edukazzjoni dwar l-importanza tan-naħal għall-biodiversità. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera apprezzaw dan il-ġest li s-Sindku qed jieħu ħsieb li jipprepara din l-applikazzjoni u b'hekk niffrankaw il-flus lill-Kunsill.

27.2.9 Is-Sindku qal illi l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irnexxielha tirkupra l-ammont ta' €17,926.92 tal-ħlas tas-CIES - €12,516.72 u €5,410.20 il-bilanċ ta' skema tal-SPI 4/2023 li minkejja li l-Kunsill kien infurmat illi ser jirċevihom, l-ex Segretarju Eżekuttiv ma tatx każ daħlux jew le. Is-Sindku u l-Kunsilliera apprezzaw il-ħidma, l-attenzjoni u l-kura li qed turi l-Aġent Segretarju Eżekuttiv favur il-finanzi u l-ħidma nġenerali tal-Kunsill.

27.2.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi qed tiġi ppreparata l-applikazzjoni SPI/SCI/05/2026 Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità. L-applikazzjoni tinkludi parti mill-ispiża tal-*playing field* Colle Umberto, peress li l-fondi li ħadna mill-LESA ma jkoprux l-ispiża kollha. Il-Kunsill qabel unanimament u huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus (15%), dan minħabba l-fatt li l-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża.

27.2.11 Is-Sindku qal illi hemm bżonn illi jsiru *double yellow lines* fi Sqaq ta' Pawluzzu. Il-Kunsill qabel li tali talba għandha tintbagħat lill-uffiċċjali ta' Transport Malta.

27.2.12 Dwar il-proġett tal-parkeġġ is-Sindku ssuġġerixxa illi l-parkeġġ ikun għal dawk li jiġu barra mill-lokal, sabiex ir-residenti ma jkollhomx problemi ta' parkeġġ ħdejn ir-residenzi tagħhom. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

27.2.13 Is-Sindku qal illi hemm bżonn li jinxtraw *charger*, *battery* u jitranġa *puncture* tar-roti li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

27.2.14 Is-Sindku nforma lill-membri li ntalbet laqgħa m'uffiċċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar id-'Development Planning Fund'. Spjega li l-iskop ta' din il-laqgħa huwa li jiġu identifikati l-opportunitajiet disponibbli u jiġi diskuss kif dawn il-fondi jistgħu jintużaw sabiex jiffinanzjaw proġetti li jkunu ta' benefiċċju għall-lokalità.

27.2.15 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari 4/2026 - Elezzjoni Ġenerali 30 ta' Mejju 2026;
- Ċirkulari 5/2026 – Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2026;
- Ċirkulari 6/2026 – Rappurtar Finanzjarju Kwartali- Introduzzjoni ta' *Template* Ġdida;
- L-applikazzjoni tal-fond t'Aġġustament għas-sena 2026 ġiet approvata u l-ammont ta' €7,000 diġa ġie trasferit fil-kont bankarju tal-Kunsill.

27.2.16 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/037_Consultation of local and regional authorities on local integration practices concerning migrants;
- Ċirkulari AKL 2026/039_Sessjoni ġewwa l-Esplora;

- Ċirkulari AKL 2026/042_Ir-Rotta tal-Feniċi f'Malta;
- Ċirkulari AKL 2026/043_Laqgħa Plenarja 2026;
- Ċirkulari AKL 2026/044_Kampanja Blue Heart 2026 – Jum Dinji Kontra t-Traffikar tal-Persuni;
- Ċirkulari AKL 2026/048_The correct use of Plant Protection Products in public spaces;
- Ċirkulari AKL 2026/043_Ai for All in Local Councils.

27.2.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ġie ffirmat it-tieni addendum ta' ftehim għax-xogħol t'asfalt li sar f'parti minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. B'hekk issa dan il-proġett huwa mħallas kollu u magħluq.

27.2.18 Notifikazzjoni għal konsultazzjoni pubblika bl-applikazzjoni nru. EP 0190/26 – Quarry SG 08 fi Triq id-Dwejra. Il-Kunsill unanimament qabel illi l-Perit tal-Kunsill jitlob għal kumpens *planning gain* kif jagħmel kull darba li jkun hemm xi applikazzjoni relatata ma' barrieri.

27.2.19 *Email* mingħand ir-Reġjun t'Għawdex datata 9 ta' Ġunju 2026 rigward il-proġett *Food-Link URBACT*. Il-Kunsill approva l-parteċipazzjoni f'dan il-proġett.

27.2.20 Korrispondenza mill-*Events Unit* tal-*Cultural Heritage Directorate* bis-suġġett 'Karnival Reġjonali ta' Għawdex 2027'. Il-Kunsill qabel illi ma jipparteċipax f'din l-iskema.

27.2.21 *Email* mingħand il-Victoria 2031 Foundation bis-suġġett 'Gozo Forum 2026: The Time We Spend Together (4th July)'.

27.2.22 Il-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja Dun Salv Portelli bagħat jirringrazzja lill-Kunsill talli pprovda l-*airconditions* fil-klassijiet tal-iskola. Is-Sindku qal li rċieva wkoll ittra mingħand l-istess tfal biex jirrangrazzjaw lill-Kunsill għal dawn l-Ac's. B'din il-ħidma tal-Kunsill gawdew kemm it-tfal kif ukoll l-għalliema. Il-Kunsill innota illi din l-inizjattiva rnexxiet u tat prova ċara li mhux minnu li l-provista tad-dawl tal-iskola ma tiflaħx għall-Ac's.

27.2.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Joseph Abdilla, bis-suġġett 'Updates regarding the performance bonus'. Il-bonus tal-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme* ser jiżdied minn 5% għal 10% u ser jibda jitħallas f'żewġ pagamenti fis-sena, wieħed f'Ġunju u l-ieħor f'Diċembru. Il-Kunsill qabel illi jħallas dan il-bonus.

27.2.24 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-membri illi skont iċ-*chart of accounts* il-ġdida għandna bżonn kumpanija ġdida tas-Sage li jkun fiha żewġ *users*. Għaldaqstant wara diskussjoni mal-*Accountant* tal-Kunsill, intalbet kwotazzjoni dwar dan mingħand il-kumpanija 'Progressive'. Il-Kunsill unanimament qabel ma din il-kwotazzjoni.

27.2.25 Resident talab sabiex il-bankina fil-pjazza kantuniera ma Triq id-Duluri tiċċekken għar-raġuni li l-vetturi kbar meta jiġu biex iduru qed ikunu ta' periklu għall-proprjetà tiegħu. Il-Kunsill qabel illi jitlob parir mingħand Transport Malta flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

## 27.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

27.3.1 Il-Kunsillier Louis Galea semma li l-pinnuri li hemm fuq il-Knisja mhux jaħdmu. Is-Sindku ser ikellem lill-Kappillan sabiex jitranġaw.

27.3.2 Il-Viċi-Sindku talab sabiex jitranġa l-ħajt ta' fejn hemm l-arblu fid-daħla ta' San Lawrenz peress li kif inhu perikoluż. Il-Kunsill qabel illi jinqala u jinbena mill-ġdid mill-ħaddiema tal-Kunsill.

27.3.3 Il-Kunsillier Lorenzo Grima talab sabiex jinqata l-ħaxix tal-Wileġ. Ser jiġu nfurmati l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jwettqu dan ix-xogħol.

27.3.4 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk jistax jingħata aċċess għall-*cameras* tal-Kunsill lil studenti minħabba proġett li qed jagħmlu. Ġie ssuġġerit illi l-istudenti jagħmlu talba lill-Kunsill sabiex tiġi ċċekkjata d-*data protection*.

27.3.5 Il-Viċi-Sindku qal illi hemm problema fl-għelieqi tal-aħħar passaġġ qabel il-Qasam. Dawn qed jimtlew bl-ilma. Il-Kunsill qabel illi ngħidu lill-Perit tal-Kunsill biex tinstab soluzzjoni.

## 27.4 Ħruġ t'Offerti;

27.4.1 Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi għandha tinħareġ din l-offerta:

- Provision of Services for an assistant to open and manage the Dwejra Education Centre.

27.4.2 Ġie deċiż ukoll illi qabel tinħareġ din l-offerta għandha ssir diskussjoni m'uffiċċjali tal-ERA biex jekk hemm bżonn li jsir xi tibdil fil-kuntratt, dan jiġi emendat.

## 27.5 Preparazzjoni għal Festa 2026;

27.5.1 Is-Sindku qal illi mit-tlett applikazzjonijiet li ħejja għall-attivitajiet tal-ġimgħa tal-festa l-Kunsill diġà għandu konferma ta' tnejn minnhom li jammontaw għal €8,500. Fil-ġranet li ġejjin ser jiġu ffirmati l-kuntratti relatati.

27.5.2 Ġie diskuss ukoll it-*traffic managment* fi żmien il-Festa. Il-Kunsill qabel li għandu jkun l-istess bħal tas-sena l-oħra, anke wara li l-Kumitat tal-Festa kien kuntent kif kien. Is-Sindku semma li fuq talba tal-istess kumitat ser isiru tabelli fit truf tar-raħal fejn jinfurmaw li l-aċċess għad-Dwejra l-Ġimgħa u l-Ħadd tal-festa ser ikun limitat.

27.5.3 Is-Sindku saħaq fuq l-importanza tan-*No Parking signs* u li l-programm tal-għeluq tat-toroq jintbgħat lill-Pulizija. Huwa qabl li dan il-programm jintbgħat lill-Kumitat tal-Festa biex jara jaqbilx miegħu.

27.5.4 Bħala ġbir u indafa tat-toroq fit-tlett ijiem u l-ġimgħa tal-festa, għandu jkun bħal tas-sena l-oħra.

27.5.5 Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku sabiex jieħu ħsieb li nerġgħu nagħtu spinta lill-*boat party* li kien isir wara l-festa. Il-Viċi Sindku qal li qed jitlob stejjem għal dgħajsa.

## 27.6 Inawgurazzjoni ta' 'Siġret Niesna';

27.6.1 Is-Sindku qal illi issa li tlestiet iċ-ċeramika kollha, jixraq illi ssir l-inawgurazzjoni ta' 'Siġret Niesna'. Inġabret kwotazzjoni għall-bażi tal-ħadid bl-ammont ta' €1,799. Il-Kunsill qabel. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser jieħdu ħsieb jixtru *marine plywood* sabiex l-istruttura teħel fuqha u jagħmlu blokka tal-konkos biex l-istruttura kompluta teħel magħha.

27.6.2 Is-Sindku qal li bagħat *email* lill-Ministru tal-Kunsilli Lokali u Xogħolijiet Pubbliċi l-Onor Alison Civelli biex jifirħilha f'isem il-Kunsill u jitlobha tagħtina data biex inkunu nistgħu nagħmlu l-inawgurazzjoni ta' dan il-monument.

27.6.3 Is-Sindku informa li bħalissa qed jitħejja l-post mill-ħaddiema tagħna u s-Segretarju Eżekuttiv qed tikkordina anke għaż-żbir tas-siġar.

## 27.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

27.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 24 għal perjodu ta' bejn s-16 ta' Mejju 2026 u s-26 ta' Ġunju 2026 li tammonta għal €38,048.93 ġiet approvata u ffirmata.

## 27.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-7.50p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026 fil-5.30p.m.

Ikkonfermati, nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026.

Noel Formosa
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv